**SWIEQI LOCAL COUNCIL**

**LAQGĦA KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-MADLIENA LI SARET NHAR IL-ĦAMIS 12 TA' JANNAR 2012 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| F.S. | FRANK SALT | CHAIRPERSON |
| M.A. | MARYANNE ABELA | VIĊI CHAIRPERSON |
| W.F. | WALLACE FARRUGIA | MEMBRU |
| A.C. | ALEX CHETCUTI | MEMBRU |
| A.P. | ANNA PARIS | MEMBRU |

**IL-VICI CHAIRPERSON QALET IT-TALBA:**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 17 ġew approvati.
   W.F ippropona u M.A issekondiet

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

### MILL-MEMBRU WALLACE FARRUGIA:

1 W.F. staqsa jekk tlestiex ir-rapport TopoGraphic Survey tal-parti ta` isfel tat-Triq Pedidalwett. Is-Segretarju informa li dan gie ordnat pero` ghad ma tlestiex mill-MEPA.

2 W.F. irremarka dwar ix-xoghlijiet pendenti ta` kisi bit-tarmak fil-progett tat-toroq tal-Madliena.
Hu rraporta li kemm il-darba ipprova jaghmel kuntatt mal-Kuntrattur sabiex jistaqsi dwar meta ser jitkompla ix-xoghol, pero` dan qatt ma jirrispondi. Is-Segretarju ukoll informa li kiteb diversi drabi dwar l-istess materja kif ukoll biex dawn SILOS Limited igeddu l-garanzija bankarja li ghalqet f`Marzu 2011, pero` qatt ma jwiegbu.
Il-Kumitat ikkonkluda li l-kuntrattur jista` jkun li abbanduna l-Kuntratt minhabba xoghlijiet ohra li ghandu, aktar mghagglin . Sar qbil li issir laqgha mal-avukat tal-Kunsill sabiex jittiehed parir Legali.
Il-Kumitat iddecieda wkoll li ma jsirx hlas ghall-ahhar xoghlijiet li saru fi Triq Pedidalwett u Triq il-Harrub, ammont ta` €70,000.
W.F informa wkoll li l-Kuntrattur ghad ma sewwiex il-hsarat li ghamel lir-Residenti, kif ukoll ic-cnut tal-madwar waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol tat-tarmak. Hu kompla informa li saret xi hsara fit-tarmak il-gdid fi Triq Pedidalwett u fi Triq il-Madliena. B`dawn il-hsarat diga gie infurmat il-Perit tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **FRANK SALT** |
| **EXECUTIVE SECRETARY** | **CHAIRPERSON** |

**MILL-MEMBRU ALEX CHETCUTI:**

1 A.C informa li kellu laqgha ma` xi Residenti minn Triq Pedidalwett. Dawn qed jistaqsu li jergaw isiru t-Traffic Calmers kif ukoll is-sinjali tat-Traffic double yellow lines, kif kienu qabel. Is-Segretarju informa li s-sinjali tat-Traffiku diga gew ordnati pero` it-Traffic Calmers isiru meta titkompla il-parti ta` taht ta` Triq Pedidalwett.

2 Il-Membru informa li r-Residenti jixtiequ li jigi installat handrail mal-hajt li jifred it-telgha ta` Triq Pedidalwett u l-parti ta` isfel. Il-handrail isservi ta` Sigurta` peress li c-cint li jifred iz-zewg toroq huwa wisq baxx. Il-Kumitat qabel li jsiru dawn ix-xoghlijiet u ghaldaqstant talab sabiex issir talba ghall-kwotazzjoni.

3 Il-Membru informa li xi dawl fi triq il-Madliena ghad mhux qed jixghel. Is-Segretarju informa li l-Kuntrattur diga gie infurmat b`dawn il-hsarat.

4 Il-Membru staqsa sabiex issir laqgha mal-Kuntrattur tad-dawl dwar il-possibilita` li d-dawl tal-Madliena jigi innumerat . Is-Segretarju ha l-inkarigu li jitkellem mal-Kuntrattur.

**III MILL-VICI CHAIRPERSON:**

1. M.A staqsiet jekk gewx ordnati t-tabelli dwar, biex is-sewwieqa joqghodu attenti mil-Qanfud. Dawn it-tabelli ser jehlu fit-toroq tal-Madliena. Is-Segretarju informa li dawn diga gew ordnati.

2. M.A staqsiet lil Wallace Farrugia jekk indagax dwar il-permessi li kienu gew ippubblikati dwar xoghlijiet ta` kostruzzjoni fil-vicinanzi tal-entratura tal-Fortizza tal-Madliena. Il-permessi kienu f`isem l- M.T.A. Il-perit inkarigat mill-progett kien Mariello Spiteri. W.F informa li qed jindaga dwar dawn il-permessi. Anki qed jipprova jaghmel kuntatt mal-Perit Spiteri.

3. M.A infurmat li kelha kuntatti mal-Ministru George Pullicino dwar otja ta` Sigar taz-Zebbug. Il-Ministru staqsa sabiex jigi identifikata zona fejn dawn jistaw jigu imhawla. Is-sigar jigu pprovduti mill-Ministru bla hlas.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT**<br>**EXECUTIVE SECRETARY** | **FRANK SALT**<br>**CHAIRPERSON** |

## IV: APPLIKAZZJONI FONDI GHALL-RESTAWRAR TAL-KAPPELLA TAL-MADLIENA:

M.A infurmat li l-Kumitat ghandu japplika ghall-fondi specjali ghall-Restawrar tal-Kappella tal-Madliena. W.F issugerixxa li ghandha ssir zjara fil-kappella sabiex jigu stabbiliti ix-xoghlijiet mehtiega, kif ukoll issir stima tal-istess xoghlijiet. W.F ha l-inkarigu li jhejji l-applikazzjoni. Il-Kumitat qabel.

## V:APPROVAZZJONI TA` PAGAMENTI:

Il-Kumitat approva il-Pagamenti relatati mal-Madliena
W.F ippropona u A.C isekonda.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45p.m.u sar aġġornament għal nhar l-erbgha 22 ta’ Frar 2012 fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **FRANK SALT** |
| **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** | **CHAIRPERSON** |